**Penthos**

Warajk, id-dawl imminenti li jmut.
B'gost klandestin għajnejja jisirqu l-linjamenti ta' wiċċek
jitgħallmuhom b'urġenza, bl-amment, malajr
f'dil-lejla fraġli tal-ebanu, taħraq bħan-nifsijiet
żgħar u trasparenti fl-ispazju għarqan
bejn ħarstek u ħarsti.

*Jien is-sajf, għidtli.*
*Għamiltni minn kustilja ħsibijiet.*
*Ma' kull pinzellata safra u kaħla ċappast*
*biċċiet minni fuq it-tila sakemm sirt*
*storja għalik, tafha inti biss.*
*Forsi, xi darba, tgħidhieli u nkun bilqiegħda maġenbek.*

Il-merżuq li fadal jirtira bil-lajma
minn fuq il-komma riħa ta' melħ
maż-żiffa kordjali fuq ix-xtajta.

*Int il-ħarifa. Qatt m'għidtlek.*
*Għajnejk masġar.*
*Fid-dinja mistħajla tagħhom*
*jien u int*
*weraq oranġjo u isfar u aħmar*
*(minn dak li hawn ma jitfaċċa qatt).*
*L-istejjer tiegħi miegħek nibnihom waħdi fi mkejjen tar-ramel.*
*Nindukrahom ileqqu fil-memorja ta' tazza rari gin tonic jew*
*bewsa misruqa qalb il-karozzi pparkjati.*

L-aħħar dawl jogħtor ma' għonq il-qmis bajda (tixraqlek wisq)
imisslek għonqok u wiċċek, jidħol fil-masġar,

*Ridt ngħidlek li ħadtek fit-toroq ta' belt barranija*
*fejn żbaljajtha kull filgħodu l-memorja tiegħek*
*fuq kuċċarina ħsibijiet zokkor f'lukanda*
*fejn kollox ta' darba fejn ma bżajtx noħolmok.*

jixegħlu prinjoli għajnejk qabel jgħib

*Is-skiet bejnietna sikka qed tikber f'nofs dal-baħar sajfi.*
*Ma' Settembru jisfali kollox skiet u tifkiriet.*

u jidlam f'daqqa.